Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0256

Il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2026 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali f'isem l-Unjoni Ewropea (05824/2026 – C10-0035/2026 – 2025/0244(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05824/2026),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali, iffirmata fil-Lussemburgu fl-14 ta' Mejju 2025 (CM(2025)52),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 83(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0035/2026),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1203 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0156/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-

[1] ĠU L, 2024/1203, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1203/oj.

parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.